# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 9 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 1088/00 AJD*

Awtorita' tad-Djar

vs

Saviour u Simone konjugi Buttigieg

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-31 ta' Lulju, 2000, fejn intalab li l-konvenuti jigi kkundannati ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' sebgha u sittin lira Maltin u disghin centezmu (Lm67.90) rapprezentanti sussidju dovut lura minnhom u liema somma giet mehuda minnhom indebitament. Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi ghall-hlas izda baqghu inadempjenti.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Mejju, 2000, u bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati ai termini tal-Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, baqghu ma deherux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Leonard Zerafa, rappresentant tal-Awtorita' tad-Djar, li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lill-Awtorita' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-Awtorita' attrici s-somma ta' sebgha u sitiin liri Maltin u disghin centezmu (Lm67.90), bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Mejju, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR